**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 19 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 701/2012 AF**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) u fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, il-Qorti ordnat li isem is-socjetà rikorrenti jrid jaqra "Mapfre Middlesea plc", kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha s-socjetà World Marketing Limited (C-9688) u s-socjetà World Marketing Services Limited (C-15962)**

**vs**

**Paul Vella u Monica Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà assikuratrici rikorrenti hija l-assikuratrici tas-socjetajiet World Marketing Limited (socjetà imwaqqfa taht il-ligijiet ta' Malta u registrata bin-numru C-15962), permezz ta' polza ta' assikurazzjoni bin-numru IAR/02461) mahruga mis-

socjetà assikuratrici rikorrenti *tramite* l-agenti taghha, s-socjetà assikuratrici Allcare Insurance Agency Limited (C-8180) favur l-istess socjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services Limited nhar it-23 ta' April tas-sena elfejn (2000) (Kopja tal-polza ta' assikurazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MS1).

Skond t-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess polza ta' assikurazzjoni, gew inxurjati diversi proprjetajiet tas-socjetajiet assikurati, fosthom l-ufficini registrati rispettivi tal-istess socjetajiet, kif ukoll garaxx li jinsab f'112, Triq Ponsombly, Mosta.

Il-konvenuti konjugi Vella huma proprjetarji tal-fond sovrastanti l-imsemmi garaxx, liema fond jinsab f'114, Triq Ponsomby, Mosta.

Fit-2 ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kien hemm perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti ghal gol-garaxx in kwistjoni *ossija* l-garaxx proprjetà tas-socjetà assikurata World Marketing Limited, bil-konsegwenza li din il-perkolazzjoni ta' ilma kkawzat diversi hsarat strutturali u danni konsegwenzjali fl-istess garaxx. Dawn il-hsarat gew identifikati, ikkonstatati u stmati mill-Perit Arkitett Joe Bugeja li gie inkarigat mis-socjetà assikurata World Marketing Services Limited proprjament sabiex jispezzjona u jevalwa l-hsarat strutturali in kwistjoni, u dan kif jirrizulta mir-rapport mhejji minnu (Kopja tar-rapport tal-Perit Arkitett inkarigat hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MS2). Il-hsarat strutturali in kwistjoni gew spezzjonati ukoll mill-*loss adjustors* imqabbda mis-socjetà assikuratrici rikorrenti sabiex jaghtu stima tad-danni jew tat-telf sofferti mill-assikurati taghha (Kopja tar-rapport tal-Loss Adjusters hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MS3).

Is-socjetà assikuratrici rikorrenti kellha, fil-kapacità taghha bhala l-assiguraturi tal-istess socjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services Limited, taghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnhom, liema danni ammontaw ghal hmistax-il elf, sitt mija u erbgha u disghin Ewro (€15,694), liema ammont kien necessarju sabiex jirrimedjaw il-hsarat strutturali u danni ohra konsegwenzjali msemmija hawn fuq,

b'rizultat tal-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond proprjetà tal-konvenuti konjugi Vella.

Permezz ta' skrittura ossija '*discharge form*' li giet maghmula bejn rapprezentant tas-socjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services Limited u lis-socjetà assikuratrici rikorrenti tramite l-agenti taghha Allcare Insurance Agency Limited, l-istess rapprezentant accettat f'isem is-socjetajiet assikurati, mis-socjetà assikuratrici rikorrenti l-ammont totali ta' hmistax-il elf, sitt mija u erbgha u disghin Ewro (€15,694), liema accettazzjoni saret '*in full and final settlement of all damages, loss or injury to person and property and/or any consequential losses of any kind which are up till now manifest or which hereafter manifest sustained in consequence of water damages sustained at Premises .......*'. Ghalhekk, bis-sahha ta' din l-iskrittura, s-socjetà assikuratrici rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha ossija s-socjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services (Kopja tad-Discharge Form hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MS4).

Permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 146/2012 ipprezentata nhar id-19 ta' Jannar 2012 is-socjetà assikuratrici rikorrenti interpellat l-konvenuti konjugi Vella sabiex fi zmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika lilhom tal-istess ittra gudizzjarja, jersqu ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kollha sofferti, ghal liema danni l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti unikament responsabbli (kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 146/2012 hawn annessa u mmarkata Dok. MS5).

Permezz ta' ittra responsiva datata 27 ta' Jannar 2012 il-konvenuti konjugi Vella irrespingew kompletament l-interpellazzjoni ghall-hlas da parte tas-socjetà assikuratrici rikorrenti minghajr ma taw dettalji jew ragunijiet in sostenn tal-kontestazzjoni taghhom. Ghalhekk inevitabbilment kellha tigi istitwita dina l-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-hsara li rrizultat fil-proprjetà assikurata mis-socjetà assikuratrici rikorrenti ossija l-garaxx li jinsab f'114, Triq

Ponsomby, Mosta u dan minhabba li l-hsarat u danni konsegwenzjali sehhu minhabba perkolazzjoni ta' ilma mill-fond proprjetà tal-istess konvenuti, konjugi Vella.

2. Tillikwida s-somma dovuta lis-socjetà assikuratrici rikorrenti bhala danni sofferti mill-assikurata taghha minhabba l-imsemmi perkolazzjoni ta' ilma u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjetà assikuratrici rikorrenti fl-ammont ta' hmistax-il elf, sitt mija u erbgha u disghin Ewro (€15,694), jew somma ohra verjuri, okkorrendo permezz tal-hatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici rikorrenti l-ammont ta' hmistax-il elf, sitt mija u erbgha u disghin Ewro (€15,694) jew somma ohra verjuri hekk likwidata ghad-danni sofferti mis-socjetajiet assikurati World Marketing Limited u World Marketing Services Limited, li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjetà assikuratrici rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar 2012 bin-numru 146/12 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Paul Vella u Monica Vella li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In oltre, id-*discharge form* minn fejn tirrizulta s-surroga tal-kumpanija rikorrenti tirreferi ghal data differenti mit-2 ta' Frar 2011.

Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal dak eccepit, l-atturi rikorrenti ghandhom jippruvaw li l-akkadut sehh fil-jum indikat fir-rikors guramentat.

Fit-tielet lok, il-konvenuti intimati jichdu responsabbilità tal-allegat danni.

L-atturi rikorrenti ghandhom jippruvaw il-bazi tat-talbiet taghhom.

L-atturi rikorrenti ghandhom jippruvaw il-quantum tal-allegat danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli mill-ligi.

Rat is-sentenza preliminari tat-13 ta' April 2016 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija azzjoni għad-danni. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li sofrew l-assigurati tagħha fil-proprjetà tagħhom konsegwenza ta' dhul ta' ilma mill-proprjetà sovrastanti li hija tal-konvenuti, liema ħsarat kellha tagħmel tajjeb għalihom l-attriċi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-proprjetà ossia garaxx bin-numru 112, Triq Ponsomby, Mosta, kien assigurat mas-soċjetà attriċi tramite l-aġenti tagħha Allcare Insurance Agency Limited. Dan il-garaxx huwa proprjetà tas-soċjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services Limited.

Il-konvenuti spjegaw li għall-ħabta ta' Ottubru 2009, huma kellhom problema ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-proprjetà tagħhom, 114, Ponsomby Street, Mosta, liema proprjetà hija sovrastanti l-garaxx bin-numru 112. Għalhekk, huma inkarigaw *plumber* li sab li kien qiegħed jiskula l-ilma mid-*drain* tal-kamra tal-banju. Fil-fatt, il-*plumber* Carmelo Farrugia ikkonferma li kien hemm *leak* żgħir fid-*drain* minħabba xaqq żgħir fl-*elbow* u allura kien qiegħed jipperkola l-ilma kull darba li jintuża l-banju. Skont il-konvenut, is-serpentina kienet issewwiet fl-istess xahar.

Fit-18 ta' Jannar 2010, Nancy Buhagiar f'isem is-soċjetajiet World Marketing Limited u World Marketing Services Limited infurmat lis-soċjetà Allcare Insurance Agency Limited li kienet sabet ħsarat fil-garaxx in kwistjoni. Dan il-garaxx kien jintuża primarjament minn binha Dr. Trevor Buhagiar biex jistudja u fil-fatt fih kien iżomm il-kotba, dokumenti u affarijiet oħra.

Dr. Trevor Buhagiar jispjega li peress li huwa għamel żmien kellu nuqqas ta' mobilità minħabba intervent kirurgu, fiż-żmien illi saret il-ħsara huwa ma kienx qiegħed imur il-garaxx u kien biss meta ġiet okkażjoni li kellu bżonn xi dokument mill-garaxx li mar hemm u sab li kien daħal l-ilma u kkawża l-ħsara fis-saqaf u fil-ħitan, inkluż moffa li kienet estensiva. Fil-fatt, mir-ritratti esebiti fl-atti jidher ċar li l-moffa sa anke ħakmet l-effetti personali ta' Dr. Buhagiar. Skont Nancy Buhagiar, huma kienu marru l-garaxx u sabu din il-ħsara għall-ħabta ta' nofs Jannar 2010 u l-għada kienu għamlu kuntatt mas-soċjetà Allcare Insurance.

Ix-xhud Nancy Buhagiar tispjega wkoll illi kienu marru jkellmu lill-konvenuti dwar il-ħsarat fejn kienet il-konvenuta stess li ammettiet magħhom li kienu damu ma ndunaw bil-problema li kellhom fid-*drain* tal-kamra tal-banju. Nancy Buhagiar inkarigat lill-Perit Joe Bugeja sabiex jispezzjona l-garaxx. Il-perit ikkonstata illi l-ħsarat f'parti mis-saqaf u ħitan tal-garaxx kienu ġew ikkawżati minn perkolazzjoni ta' ilma li kien ġej mill-fond sovrastanti. Meta xehed viva voce quddiem il-Qorti, il-perit spjega li l-ħsara kienet ilha sseħħ numru ta' xhur qabel ma huwa spezzjona l-fond.

Fl-24 ta' Jannar 2010, is-soċjetà Allcare Insurance inkarigat surveyor biex jaccedi fuq il-post u jikkonstata l-ħsarat. Fil-25 ta' Frar 2010, sar rapport da parti ta' Hayes Adjusting (Chartered Loss Adjusters) inkarigati mill-istess Allcare Insurance. Fih ġie spjegat illi l-garaxx in kwistjoni kien ġie konvertit f'studju għal Dr. Trevor Buhagiar. Dan il-post ma baqax jintuża wisq wara li Dr. Buhagiar iggradwa mill-università u fil-fatt kien ilu magħluq madwar erbatax-il xahar qabel it-18 ta' Jannar 2010 meta Dr. Buhagiar kien mar biex iġib xi ktieb mill-garaxx u sab illi kien daħal l-ilma u għamel il-ħsara. Il-konklużjoni f'dan ir-rapport kienet li s-sid tal-proprjetà sovrastanti kien responsabbli għall-ħsarat.

Bejn Mejju-Awwissu tal-2011 (ix-xahar mhuwiex leġibbli minħabba l-kwalità ħażina tal-fotokopja tad-*discharge form*) Nancy Buhagiar f'isem World Marketing Limited u/jew World Marketing Services Limited aċċettat is-somma ta' €15,694 mingħand is-soċjetà attriċi *'in full and final settlement'* biex b'hekk is-soċjetà attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess World Marketing Limited u World Marketing Services Limited.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li d-*discharge form* tagħmel riferenza għal data differenti mit-2 ta' Frar 2011. Din l-eċċezzjoni hija mingħajr bażi. Fl-ewwel lok, jirriżulta li fil-fatt id-*discharge form* tagħmel riferenza għad-data 2 ta' Frar 2011. Jidher li dan sar biż-żball għaliex id-data kellha taqra 2 ta' Frar 2010. Minkejja li fir-rikors ġuramentat tagħha s-soċjetà attriċi tgħid illi l-perkolazzjoni tal-ilma seħħet fit-2 ta' Frar 2010, jirriżulta li fil-fatt din seħħet xhur qabel. Ix-xhud Jean Pierre Zammit in rappreżentanza ta' Allcare Insurance spjega li ngħatat din id-data peress li ma kellhomx data eżatt meta seħħet il-ħsara u allura f'dak il-każ huma jieħdu d-data ta' meta jiġu notifikati bil-ħsara jew meta jinfetaħ il-*file* minn naħa tagħhom. Din l-eċċezzjoni qegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenuti jiċħdu kull responsabbiltà għad-danni u jeċċepixxu wkoll illi l-attriċi għandha ġġib prova tal-quantum tad-danni riklamati minnha.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:

> *"In tema ta' dritt jingħad, skond l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, li hi l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistinament, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", u "jitqies fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ….. mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "***Bonnici vs Mizzi***", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172'."*

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li s-sid li għandu taħt il-kontroll tiegħu dik il-proprjetà minn fejn toriġina l-ħsara li tikkawża d-danni, għandu jwieġeb għad-danni li jsofri ħaddieħor minħabba f'dik il-ħsara.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Giovanni Vella et vs Michael Cilia tat-23 ta' Ġunju 2004 spjegat illi:

> *"Issa a norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilità fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke*

*minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza.*

*Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno è responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".*

*Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si è prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (**Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075**).*

*Huwa desumibbli minn dan illi dimostrat li l-event sehh minn haga taht il-kontroll tal-konvenut, sta imbaghad ghall-konvenut li jipprova minn naha tieghu l-fortuwitu bhala kawza esklussiva, jew bhala konkawza, fil-process tal-produzzjoni ta' l-event dannuz."*

Rilevanti għall-kwistjoni tal-lum huwa dak li qalet l-istess Qorti fil-każ ta' Gasan Mamo Insurance vs Doreen Vella deċiż fit-23 ta' April 2010:

*"Fil-fehma espressa ta' din il-Qorti, f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilità hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilità hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja ta' l-appellanti-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti,*

*gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilità, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilità tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilità ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu;*

*Anzi, dejjem fil-kaz ta' l-ispecje hawn ezaminat, strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond;*

*Kif taraha din il-Qorti d-danneggjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara. Il-provi in atti dan jikkonfermawh. Jinghad a propozitu mill-**Franzoni** ("**Le obbligazzioni da fatto illecito", Ed. Utet, 2004 p. 292**), "In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di dimostrare l'esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava l'onere di provare l'esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale (**Cass. 13 ta' Frar, 2002, Nru. 2075**)";*

*Xi haga konsimili nghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet "**Albert Farrugia -vs- Peter Galea et**", u cjoe, "kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjetà ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu*

*wkoll il-principju tar-res ipsa loquitur." Jikkonsegwi minn dan illi r-responsabilità tissussisti ma' l-accertament posittiv ta' l-ingress ta' l-ilma mill-fond ta' l-appellanti u li dak il-fatt kellu effikacja kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara;*

*Biex allura l-appellanti setghu jiskansaw ruhhom minn din ir-responsabilità huma kien jenhtiegilhom jipprovaw il-kaz fortuwitu, applikabbli sija fil-kaz ta' danni extra-kontrattwali (Artikolu 1029), sija fil-kaz ta' danni kontrattwali (Artikolu 1134, Kodici Civili). Hi t-tezi ta' l-appellanti illi dak li sehh kien fatt jew event lil hinn u distakkat mill-fatt posittiv u/jew negattiv tal-bniedem u li, addizzjonalment, ma kienx imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju jew, ghall-anqas, li seta' jigi evitat. Huma naturalment jissottomettu dan biex isostni l-punt illi la l-pipe ma kienx vizibbli ghax mirdum fil-hajt, ergo, lanqas ma kien possibbli li huma jipprevjenu dak li ssuccieda jew li jipprevedu l-kagun tad-dannu. Fil-kumpless taghhom il-provi ma jaghtux sostenn u fidi lil dan l-assunt;*

*Ghal din is-sottomissjoni il-**Franzoni** (Op. Cit. p. 291) iwiegeb hekk: "Ai fini della prova liberatoria viene in rilievo soltanto una nozione oggettiva del caso fortuito, che attiene, non ad un comportamento del responsabile, ma alla modalita` di causazione del danno ed in particolare al profilo causale; il caso fortuito, infatti, libera da responsabilità il custode ogni qualvolta sia dotato di un autonomo impulso causale, in modo tale da consentire di ricondurre all'elemento esterno, anziche alla cosa che ne è fonte immediata, il danno che concretamento si è verificato. La dimostrazione della diligenza del custode è irrilevante; l'elemento soggettivo non entra in gioco ne per l'ignoranzia sullo stato della cosa, ne per la prevedibilità dell'evento ...". Fil-kaz in ezami certament ma jistax jinghad li jezisti xi fattur estern eccezzjonali ghaliex l-okkorrenza tad-dannu avverat minn qaghda interna ta' impjant sitwat fil-fond ta' l-appellanti u taht ir-responsabilita taghhom. Wisq anqas ma seta' jkollok f'din il-qaghda dik l-incidenza ta' l-imprevedibilita u ta' l-*

*inevitabilita ghal liema jirrikorru l-appellanti. Dan ghaliex xi darba jew ohra kien dejjem prevvedibbli anke ghalihom qua sidien mill-konsegwenzi li l-hsara fil-pipe mirdum setghet tikkaguna. F'dan il-kaz il-casus invokat ma jistax iservi biex jehles lill-appellanti mill-imputabilita` u allura mir-responsabilita ghad-danni kagjonati fil-fond ta' l-assikurati ghaliex ikollu anzi jinghad illi culpa praecessit casum."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, din il-Qorti ssib illi l-konvenuti ma jistgħux jaħarbu mir-responsabbiltà għall-ħsara kkawżata fil-garaxx sottostanti l-proprjetà tagħhom. Mill-provi prodotti din il-Qorti jirriżultalha mingħajr l-iċken dubju li l-ħsara fil-garaxx in kwistjoni kienet ikkawżata minn perkolazzjoni ta' ilma riżultat tal-*leak* fid-*drain* tal-kamra tal-banju tal-konvenuti. Il-konvenuta stess tammetti li żewġha kien qalilha li kien qiegħed jissuspetta li l-ħsara fil-garaxx setgħet kienet riżultat tal-ħsara li kellhom fil-kamra tal-banju filwaqt li l-konvenut ikkonferma x-xhieda ta' martu f'dan is-sens. Ma ġiex muri li l-ilma seta' daħal minn band'oħra u fid-dawl tal-fatt li jidher li għal żmien indeterminat, kull darba li jintuża l-banju fil-proprjetà tal-konvenuti, ammont ta' ilma ma kienx qiegħed imur fid-*drain* kif suppost għax kien hemm *leak*, il-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li dan l-ilma kien qiegħed jispiċċa jxarrab is-saqaf u ħitan tal-proprjetà sottostanti u jikkawża l-ħsara.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi sabiex jikkontrastaw ma' dawk tas-soċjetà attriċi. Għaldaqstant, il-konvenuti għandhom iħallsu lis-soċjetà attriċi €15,694 u ċioè s-somma flus li kellha tagħmel tajjeb għaliha l-istess soċjetà attriċi minħabba d-danni li sofrew l-assigurati tagħha.

Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti,

1. Tilqa' l ewwel talba;

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida s-somma dovuta lis-soċjetà attriċi bħala danni sofferti mill-assikurati tagħha minħabba l-imsemmi perkolazzjoni ta’ ilma li għalihom għamlet tajjeb l-istess attriċi fl-ammont ta’ ħmistax-il elf, sitt mija u erbgħa u disgħin Ewro (€15,694);

3. Tilqa’ tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta’ ħmistax-il elf, sitt mija u erbgħa u disgħin Ewro (€15,694) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG